Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 458 / 2016

Il-Pulizja

Spettur Robert Vella

Vs

Clayton Baldacchino

Illum 27 ta' April, 2017,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Clayton Baldacchino detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 421483 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

a) fil-25 ta' April, 2008 ghall-habta tal-11.30 p.m. gewwa l-Mosta attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b' hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra membri tal-korp tal-Pulizija, persuni inkarigati minn servizz pubbliku filwaqt li huma kienu qed jagixxu ghall-ezekuzzjoni ta' dan is-servizz.

b) U aktar talli fl-istess zmien, hin, lok u cirkostanzi kkaguna griehi ta' natura hafifa fuq is-surgent 419 A. Buttigieg u s-surgent 300 A. Abela skond kif iccertifika Dr. R. Busuttil M.D. tac-Centru tas-Sahha tal-Mosta.

c) Talli fl-istess zmien, hin, lok u cirkostanzi hebb u hedded lill-imsemmija membri tal-Korp tal-Pulizija.

d) Talli fl-istess zmien, hin, lok u cirkostanzi kiser il-paci pubbliku b' ghajjat u glied;

Talli fl-istess zmien, hin, lok u cirkostanzi qal kliem oxxen u dagha fil-pubbliku.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-5 t' Ottubru, 2016, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 96, 221 (1), 95 (1), 338 (dd) u 338 (bb) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet maghmula kontrih, u ikkundannatu ghal piena karcerarja ta' sitt (6) xhur prigunerija, li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq maghmula qieghda tigi sospiza ghal perjodu ta' sentejn, ai termini tal-Artikolu 28 A (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ai termini tal-Artikolu 28 A (4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-hati fi kliem car u semplici l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi f' kaz li jonqos milli josservaha, u cioe f' kaz li jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fiz-zmien operattiv.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Clayton Baldacchino, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-17 ta' Ottubru, 2016, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti thassarha u tirrevokaha fejn sabitu hati tal-imputazzjonijiet maghmula kontrih u tilliberah minn kull htija u piena jew, tirriformaha u tvarjha in kwantu l-piena billi minflok il-piena nflitta tissostitwixxi ghall-istess piena, piena aktar ekwa u gusta ghal kaz odjern.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Clayton Baldacchino huma cari u manifesti u jikkonsisti f' dan li gej:

Illi l-appellant ghandu zewg aggravji:

a. Li, fil-mertu, ma jirrizultax li kien hemm ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ligi li bihom kien gie akkuzat u misjub hati;

b. Li minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-piena nflitta kienet eccessiva ghac-cirkostanzi tal-kaz.

L-Ewwel Aggravju

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant jolqot il-mertu tal-kaz u cioe li mill-fatti u provi prodotti, il-Qorti tal-Magistrati ma setghetx issibu hati tal-akkuzi dedotti kontrih.

Illi l-unika prova oggettiva fil-kaz hi l-filmat li ttiehdet mal-kamera tas-CCTV. F' dan il-filmat deher l-appellant hiereg mill-hanut u wara tlieta jew erba' passi dar u kellem lil PS 419. l-appellant dar biex ikompli jimxi 'l barra meta rega' dar u rega' kellem lil PS 419 fil-qasir hafna. l-appellant hareg u kien proprju f' dan il-mument li PS 419 "nizel dritt ghalih b' mixja pjuttost arroganti" (kliem ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti). Fis-sekondi wara nqalghet tilwima izda x' gara precizament ma nqabadx mill-kamera. Il-filmat fit-tieni parti tad-DVD esebit juri lilI-appellant mdawwar b' diversi pulizija.

Illi ghalhekk, l-prova oggettiva tal-filmat turi (il-PS 419 kien nizel ghall-appellant "b' attitudni ta' konfrontazzjoni" (ukoll kliem ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti). Dan jikkontrasta hafna max-xhieda tal-PS 419 li mar biex ikellem lill-appellant bil-kelma t-tajba.

Illi fix-xhieda moghtija mill-pulizija prezenti fl-incident inholqot storja li fil-mument meta PS 419 u l-appellant kienu qeghdin barra, l-istess appellant kien ikkawza glieda billi ta bil-ponn lill-PS 419. Fix-xhieda taghhom, il-pulizija qalu:

a) Fix-xhieda tieghu tas-7 ta' Mejju 2008 ( a fol. 15 ), PS 419 Anton Buttigieg qal:

Xhud: Dak il-hin ghidtilha [oht l-appellant Claudine Baldacchino] jimporta thallina bil-kwiet u ma tindahalx u telqet ohtu. Ergajt dort fuq Clayton u ghidtlu ejja ha nkellmek u malli dort lura taghni daqtejn ta' ponn, wahda go ghonqi u wahda go xufftejja.

Qorti: Zgur kien hu?

Xhud: Iva Sur Magistrat. Fil-pront gew iktar pulizija u tajthom ordni biex narrestawh. Hu baqa' jirrezisti l-arrest u baqa' jxejjer bil-ponn fejn lili hadni xi 3 jew 4 daqqiet to' ponn ohra (...) Meta hadnieh l-ghassa, qabel hadnieh l-ghassa, **kien hemm hafna nies, fosthom ohtu u anke missieri fejn dawn bdew jghidulna li jiena tajt daqqiet ta' ponn sew lilu u sew lil ohtu.** [Enfasi mizjud]

b) Fix-xhieda tieghu tas-7 ta' Mejju 2008 ( a fol. 23-24 ), PS 300 Alfred Abela qal:

Xhud: Jien biex inkun onest ma smajtx il-kliem ezatt izda rajtu lil Clayton Baldacchino ixejjer daqtejn ta' ponn fejn rajtu jolqot lill-kollega tieghi go wiccu [...] Ta daqqtejn ta' ponn fejn laqat lili darbtejn fuq wicci u ta' daqqtejn ta' ponn lil PS 419 Buttigieg.

Anke fir-rapport tieghu (a fol. 80), PS 300 Alfred Abela kkummenta li:

[...] when suddenly Clayton ferociously punched PS 419 in his face.

c) Fix-xhieda tieghu tal-4 ta' Marzu 2009 (a fol. 83), PC 555 Fabio Schembri qal:

[...] u hin minnhom Clayton Baldacchino deher wkoll jaghti daqqa ta' ponn lil PS 419. Meta gara hekk, il-pulizija kollha dorna mas-surgent biex inwaqqfu lilClayton milli jkompli jaghmel dan. So fraftant xofla intlaqat is-surgent 419 u kif ukoll 300 b' xi daqqiet ta' ponn go wiccu.

Illi kuntrarjament ghax-xhieda prodotta mill-membri tal-Pulizija, ix-xhieda ta' Claudine Baldacchino moghtija fis-17 ta' Settembru 2008 (a fol. 44 et seq.) taghti stampa differenti:

Xhud: U f' daqqa wahda hebb ghalih il-pulizija u daru xeba' pulizija ma hija.

Qorti: Jigifieri inti qed tghid li l-pullztja hebb ghal huk u mhux huk hebb ghall-pulizija?

Xhud: Iva.

Qorti: Huk ta' xi daqqa ta' ponn lill-pulizija?

Xhud: Le jiddefendi ruhu beda.

Qorti: X' ghamel biex jiddefendi ruhu?

Xhud: Mhux jimbotta lill-pulizija u hekk?

Qorti: Fejn beda jimbuttah? F' zaqqu? Dahru? Fejn?

Xhud: F' zaqqu.

Similment meta xehed Roderick Mallia, ex-sieheb ta' Claudine Baldacchino, fis-seduta tas-17 ta' Settembru 2008 dan qal:

Qorti: X' rajtu jaghmel lill-imputat inti?

Xhud: Jiena ma rajtu jaghmel xejn.

Qorti: Ma rajtu jaghmel xejn? Possibbli? Qieghed bil-gurament tinsiex.

Xhud: Iva

Illi anke meta l-prosekuzzjoni ghamlet mistoqsija diretta ghax-xhud taghha rceviet l-istess risposta:

Pros: Ara inti lil Clayton rajtu jaghti xi daqqiet?

Avukat: Xhud tieghek spettur.

Qorti: X' rajtu jaghmel?

Xhud: Jiena ma rajtux jaghti daqqiet. Li rajtu jaghmel hu l-pulizija jigbdu naha u hu jigbed naha ohra hekk.

Illi l-appellant, kemm fl-istqarrija tieghu kif ukoll meta xehed f' dawn il-proceduri nhar it-23 ta' Frar 2011 (a fol. 94 et seq.), nkluz in kontro-ezami, qatt ma qal li ta daqqa ta' ponn lil PS 419.

In ezami (a fol, 100-101):

Avukat: Tista' tispjega r-raguni ghaliex inti kellek tgholli idejk?

Xhud: Ifhem jiena ghollejt idejja ghax speci qisu gie biex jimbuttani u jiena kemm naghmel hekk u nkomplu mexjin bit-triq.

Avukat: Issa meta inti qed tghid li dan il-pulizija gie fid-direzzjoni tieghek biex jimbuttak, x' gieghlek tifhem li hu kien ser jaghmel hekk? Ghaliex?

Xhud: Ghax hu beda jghid li ghidt xi haga lilu personali jigifieri qisu haseb u allura peress li gie hu fuqi speci rajtha li ghax kien gej ghalija

Qorti: Kemm kontu distanza boghod minn xulxin?

Xhud: 4 jew 3 passi.

Avukat: Wara dan il-konfront li kien hemm bejnek u bejnu, gralek xi haga lilek?

Xhud: Iva sprejjaw il-pepper spray go wicci imma imbaghad ghax bdew jaqbduni u hekk.

In kontro-ezami (a fol. 106):

Pros: Imma tiftakar li xejjirtlu daqqa lill-419.

Xhud: Li ghollejt idejja u jista' jkun lqattu.

Illi l-unika xhieda li pprovdiet xi forma ta' korroborazzjoni, u fis-sentenza huwa implikat li l-Qorti tal-Magistrati waslet ghad-decizjoni taghha abbazi

ta' din ix-xhieda biss, kienet ix-xhieda ta' Godfrey Gambin fis-7 ta' Jannar 2009 (a fol. 67 et seq.)

Illi fir-rigward ta' din ix-xhieda l-appellant josserva li meta ttiehdet din nghatat fin-nuqqas tal-prezenza tal-avukat difensur, li saru diversi mistoqsijiet diretti lix-xhud u it-traskrizzjoni tax-xhieda turi l-pressjoni qawwija li saret Iix-xhud biex jaghti twegibiet favur iI-prosekuzzjoni.
Ta' min jinnota wkoll li dan ix-xhud osserva daqqa wahda, u mhux numru ta' daqqiet, u lanqas ma specifika fejn inghatat din id-daqqa.

Illi dan kollu qed jigi kkonstatat ghaliex ghalkemm huwa principju li l-Qrati tal-Appell, inkluz din l-Onorabbli Qorti, ma jiddisturbawx l-apprezzament u l-konkluzjoni dwar fatti raggunti mill-Ewwel Qorti, il-bidla fiI-komposizzjoni tal-Ewwel Qorti wara li nstemghet ix-xhieda tal-prosekuzzjoni tfisser li l-istess Qorti tal-Magistrati ma setghetx tapprezza x-xhieda tal-prosekuzzjoni fl-intier taghha.

Illi mix-xhieda fuq riprodotta jidher car li hemm divergenzi kbar bejn dak li ntqal mill-pulizija u minn xhieda ohra. F' dan l-istadju jrid jingibed attenzjoni ghall-fatt li t-tlett pulizija li xehdu lkoll qalu li l-appellant kien ta numru ta' daqqiet bil-ponn u li dawn id-daqqiet kienu mirati lejn l-ucuh tal-Pulizija.

Illi l-akbar inkosistenza li tirrizulta minn din hi li jekk huwa minnu li l-appellant kien fil-fatt ta' diversi daqqiet bil-ponn f' wicc PS 419, u skond PC 555, anke f' wicc PS 300, ghalfejn ma hemm ebda prova ta' dan hlief ix-xhieda kwazi identika taghhom?

Illi fix-xhieda tieghu nhar is-7 ta' Mejju 2008, it-tabib Dr. Rudolph Busuttil ikkonferma li meta ra lil PS 419 ftit wara l-incident in kwistjoni osserva biss hmura f' wiccu u din il-hmura kienet kompatibbli ma l-uzu ta' pepper spray. L-appellant umilment jissottometti li jekk verament hu kien attakka lil PS

419 billi tah daqqiet ta’ ponn (u huwa mplikat fix-xhieda ta’ PS 419 li kien attakkah f’ salt jew bl-lngIiz sucker punch), dan zgur kien ihalli xi marki bhal tbengil fuqu.

Illi fil-fatt oht l-appellant, Claudine Baldacchino, li kienet involuta fil-frakass meta l-pulizija lkoll qabzu fuq huha mill-ewwel kellha tbengil fuq imniehirha (fol. 34).

Illi referenza terga ssir ghax-xhieda fuq imsemmija ta’ PS 419 fejn dan stqarr: **kien hemm hafna nies, fosthom ohtu u anke missieri fejn dawn bdew jghidulna li jiena tajt daqqiet ta’ ponn sew lilu u sew lil ohtu.** Din ix-xhieda kienet kompletament skartata mill-Ewwel Qorti minkejja.

Illi ghalhekk huwa car mix-xhieda prodotta li qatt ma jista’ jigi accertat lil hinn minn kull dubju li l-appellant kien is-sors ta’ dan kollu billi attakka lil PS 419. Mix-xhieda prodotta huwa car li wara li l-appellant u PS 419 tkellmu tkelmu fil-qosor fil-hanut, l-istess PS 419 nizel biex jikkonfronta lill-appellant. Meta l-appellant rah gej ghalih dan gholla idejh f’ mossa biex jistaqsih ghaliex kien gej ghalih b’ arroganza u probabilment kemm xejn laqat lil PS 419. Hawnhekk dan irreagixxa billi jordna li l-appellant jigi arrestat ghal xejn u huwa naturali li l-appellant irrezista li jsirlu arrest meta ma kien ghamel assolutament xejn li jirrikjedih.

Illi ghalhekk dak kollu li sehh kien rizultat ta’ over reaction tal-Pulizija.

Billi l-appellant tressaq quddiem Qorti ta’ Gudikatura Kriminali, u billi l-akkuzi kienu ta’ natura penali, huwa principju ben stabbilit u applikat fil-gurisprudenza li l-Prosekuzzjoni kellha tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Kull prova li kellha ggib il-Prosekuzzjoni kellha tkun inekwivoka u li ma thalli l-ebda dubju ragjonevoli f’ mohh il-gudikant dwar l-akkuzi migjuba kontra l-appellant.

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali, Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina tal-24 ta' April 2003, il-Qorti tippreciza:

"Illi l-grad ta' prova li tilhaq il-Prosekuzzjoni, sakemm ma jkunx hemm specifikat mod iehor fil-Ligi, huwa tal-htija lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. Fil-kamp kriminali huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tipprova l-akkuza taghha kontra l-akkuzat 'beyond reasonable doubt: kif gie deciz fil-kawza "Pulizija vs Bugeja" tas-26 ta' Marzu, 1987. Illi min-naha l-ohra d-difiza, msahha bil-presunzjoni tal-innocenza tal-akkuzat, tista' tibbaza u / jew tipprova l-kaz taghha anke fuq bilanc ta' probabbilita, jigifieri jekk huwa probabbli li seta' gara dak li gie rrakkuntat mill-akkuzat kif korroborat mic-cirkostanzi jew le.

Illi dan ifisser li l-Prosekuzzjoni ghandha l-obbligu li tipprova l-htija tal-akkuzat cjoe' kull dubbju dettat mir-raguni u f' kaz li jkun hemm xi dubbju ragonevoli, il-Prosekuzzjoni tigi kunsidrata li ma ppruvatx il-kaz taghha ta' htija u ghalhekk il-Qorti hija obbligata li tillibera."

Mir-rizultanzi processwali jezistu dubji cari dettati mir-raguni u fejn ikun hemm dawn id-dubji ragjonevoli ghandu jkun hemm il-liberatorja.

It-Tieni Aggravju

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, tenut ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-piena nflitta m' hiex gusta.

Illi preliminarjament ghalkemm l-appellant m' ghandux fedina penali netta, kif osservat l-Ewwel Onorabbli Qorti, m' hiex wahda allarmanti.

Illi di piu, l-incident in kwistjoni sehh f' April tas-sena 2008, tmien snin u nofs wara li nghatat is-sentenza, u bl-akbar u bid-dovut rispett l-kawza ta'

dan id-dewmien kien minhabba l-Ewwel Onorabbli Qorti ddiferiet ghal kwazi hames snin shah qabel ma tat is-sentenza taghha.

Illi ghalhekk m' huwiex xieraq li l-appellant jaghmel sentejn jghix b' mannara fuq rasu ghal incident li sehh tant zmien ilu, aktar u aktar meta l-unici drabi li xellef difrejh mal-gustizzja ma kienux ta' allarm.

Illi ghalhekk minflok sentenza sospiza l-appellant jissottometti li sentenza moghtija bl-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta kienet tkun forma aktar gusta u adegwata.

Ikkunsidrat;

Illi l-appellanti iqanqal zewg lanjanzi meta jintenta jimpunja d-decizjoni appellata, wahda diretta lejn l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti meta jishaq illi l-fattispecje tal-kaz ma jinkwadrawx rwiehom fl-akkuzi mressqa kontrieh u fit-tieni lok jilmenta illi l-piena inflitta kienet wahda eccessiva fic-cirkostanzi tal-kaz u dan b'mod subordinat ghall-ewwel imputazzjoni.

Issa l-akkuza ewlenija li qed tigi addebitata lill-appellanti hija dik tar-reat mahsub fl-artikolu 96 tal-Kodici Kriminali u dan meta jigi imputat lilu l-hebb bi vjolenza kontra ufficjal tal-pulizija fil-qadi ta' dmirijietu. Illi l-Ewwel Qorti ghamlet rijassunt akkurat tal-fattispecje ta' dan il-kaz li qajla ghandha ghalfejn din il-Qorti terga' tirrepeti. Ma hemmx dubbju izda, minn din l-analizi, illi sehh konfrontazzjoni bejn l-appellanti u PS 419 u dan fil-waqt illi dan ta'l-ahhar flimkien ma' ufficjali ohra tal-pulizija kienu qed jaqdu dmirijiethom meta marru biex jaghlqu l-bar ta' certu Godfrey Gambin li kien qed jopera minghajr il-permessi necessarji u dan filwaqt li l-appellanti flimkien mal-familja tieghu kienu jinsabu f'dan il-bar jiccelebraw eghluq snin ohtu. Illi l-uniku punt ta' divergenza bejn ix-xhieda ta'l-appellanti u dik tal-pulizija hija dwar jekk kienx l-appellanti li qanqal dan id-divverbju li

spicca imbaghad f'konfrontazzjoni fizika jew kienx l-PS419 li instiga lill-appellanti ghal glied bil-mod allegatament arroganti li bih indirizzah.

Illi din il-Qorti mal-ewwel tistqarr illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament approfondit u studjat ta' dak lil sehh f'dan l-incident u ma tara l-ebda mottiv 'il ghala ghandha iccaqlaq id-diskrezzjoni ezercitata minnha f'dan ir-rigward. Illi l-appellanti jishaq illi gjaldarba l-Ewwel Qorti stess sahhqet illi ma kenitx qed temmen ghal kollox il-verzjni moghtija minn PS419 u li allura kien dan illi affronta lill-appellanti b'attitudni ta' konfrontazzjoni u arroganza, kwindi r-reat ikkontemplat fl-artikolu 96 ma setax jissussisti. Illi bir-rispett kollu din il-Qorti ma tista' taqbel xejn ma' din id-difiza.

Illi l-artikolu 96 jikkontempla tlett elementi essenzjali ghal kostituzzjoni ta' dana ir-reat:

1. Fl-ewwel lok, irid ikun hemm l-attakk jew resistenza. Illi meta ikun hemm biss disubbidjenza tal-ligi jew ta' ordni moghtija minn xi awtorita', ma tistax tissussiti r-reita taht din id-disposijoni tal-ligi. Il-Mamo ikompli ighid: "*It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of lawful orders of the competent authority that the crime of attack or resistance can arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or the lawful orders of the competent authority, by opposing the action of those charged therewith.*"

Inoltre l-attakk jew resistenza trid tkun necessarjament akkompjanta bl-uzu tal-forza, vjolenza jew bil-hebb.

2. Fit-tieni lok ir-reat irid jigi komess fil-konfront ta'ufficjal pubbliku jew kif tghid testwalment il-ligi "persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku".

3. Fl-ahharnett huwa necessarju illi l-attakk jew resistenza kontra l-ufficjal pubbliku irid isir filwaqt illi huwa ikun qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi minn awtorita' kompetenti. Il-Mamo ikompli ighid: "*Therefore, any violence committed after the law or the order has already been executed, even though it may be on account of such execution, would not give rise to this crime.*"

Fis-sentenza Il-Pulizija vs Joseph Zahra deciza mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fid-9 Settembru 2002 gie deciz:

"*Dana l-artikolu* (b'referenza ghall-artikolu 96) *jirrikjedi mhux biss li l-vittma tkun persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku" (l-istess bhalma jirrikjedi l-Artikolu 95(1)), izda wkoll li r-reat ikun sar filwaqt li dik il-persuna hekk inkarigata minn dak is-servizz pubbliku "<u>tkun qed tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' xi ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita` kompetenti</u>".*

Illi l-Qorti qed tossottolinja din l-ahhar parti ta' dan it-taghlim gurisprudenzjali billi huwa proprju minhabba f'dan il-fatt illi sehh l-incident mertu tal-kaz. Illi ghalkemm l-pulizija kienu qed jaqdu dmirhom u jaghmlu xogholhom, l-appellanti xortawhda dehrlu li kellu jindahal u jipprotesta ghal dan il-fatt bi kliem oxxen u offensiv biex b'hekk huwa fixxkilhom waqt li kienu qed jaraw li l-ligi tigi osservata mhux minnu izda minn terz estranju ghal dan l-incident ,li kien hu li fl-ahhar mill-ahhar kellu jipprotesta u mhux l-appellanti. Izda jidher illi l-appellanti kellu jikkonfronta lill-pulizija fuq dan il-fatt u kif jidher mil-footage tac-CCTV hass li ghal darbtejn kellu jerga' lura u jaffronta lis-surgent 419 bil-kliem tant illi dan ta'l-ahhar spicca irreagixxa ghal din il-provokazzjoni. Kien hawnhekk izda li l-appellanti minflok razzan l-imgieba tieghu u obda lill-pulizija kellu ighazel it-triq tal-konfrontazzjoni hebb ghal pulizija u anke xejjer daqqiet ta' ponn fil-konfront tieghu. Tant kien aggressiv fl-imgieba tieghu illi l-pulizija kollha li kien hemm fuq il-post ma setghux irazznuh u kellhom jirrikorru ghall-uzu tal-

*pepper spray* fejn spicca wegga ukoll pulizija iehor il-PS300. Illi prova dwar il-fatt li l-appellanti uza vjolenza fil-konfront tal-PS419 tinsab mhux biss mill-ammissjoni minnu maghmula fix-xhieda tieghu izda ukoll mill-prova oggettiva tal-griehi riskontrati fuq il-persuna ta' dan is-surgent tal-pulizija. Illi ghaldaqstant l-aggravvju imressaq mill-appellanti in konnessjoni mal-apprezzament tal-provi maghmul ma jisthoqqlux akkoljiment.

Ukoll ghalkemm l-appellanti jikkontesta l-ammissibilita' ta'l-istqarrija rilaxxjata minnu minghajr ma kellu il-jedd jikseb parir legali u dan lura fis-26 ta' April 2008, madanakollu billi l-appellanti offra x-xhieda tieghu u ikkonferma il-kontenut ta' tali stqarrija bil-gurament tieghu, din il-Qorti tqies illi tali stqarrija ma kellhiex allura piz fil-konsiderazzjonijiet maghmula mill-Ewwel Qorti meta giet biex tistabilixxi r-reita' u kwindi ma tarax illi ghandha ghalfejn taghti konsiderazzjonijiet ulterjuri lil din il-lanjanza ventilata mid-difiza fil-kors tat-trattazzjoni ta' dan l-appell u li ma hijiex ríflessa fl-ebda wiehed mill-aggravvji minnu intentati.

Illi l-appellanti subordinatament ghal dan l-aggravvju jilmenta illi s-sentenza erogata mill-Ewwel Qorti kienet wahda eccessiva u dan ghaliex fl-ewwel lok l-appellanti ghandu fedina penali kwazi netta, ghajr ghal xi infrazzjonijiet minuri, u ukoll illi kien hemm dewmien fil-proceduri meta wiehed iqies illi l-incident sehh fl-2008 u l-kawza damet differita ghas-sentenza ghal kwazi hames snin. Illi jishaq allura illi fic-cirkostanzi tal-kaz l-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta kienu ikunu aktar idonji. Illi it-taghlim gurisprudenzjali jiggwida lill-qorti ta' revizjoni sabiex bhala regola ma tirrimpjazzax il-piena moghtija mill-ewwel Qorti b'dik li kieku hija – cioe` din il-Qorti – kienet taghti f'dawk ic-cirkostanzi kemm-il darba ma jkunx jirrizulta li l-piena moghtija mill-ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive.* Illi allura l-argument imressaq mill-appellanti illi l-ewwel Qorti kellha tapplika d-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta minflok dik tas-sentenza sospiza ma issib l-ebda gustifikazzjoni la guridikament u lanqas legalment.

Illi din il-Qorti ma tarax illi f'dan il-kaz l-piena erogata kienet wahda eccessiva tant illi l-appellanti inghata sentenza alternattiva ghal dik ta'l-inkarcerazzjoni effettiva u ukoll l-piena erogata inghatat kwazi fil-minimu taghha u dan meta wiehed iqies illi l-piena applikabbli ghar-reat ikkontemplata fl-artikolu 96 fiz-zmien tal-kummissjoni tar-reat kienet dik tal-prigunerija minn erba' xhur sa sena. Ukoll l-Ewwel Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fedina penali ta'l-appellanti meta giet biex tikkalibra l-piena u li kien fid-dawl ta'l-istess illi hasset illi piena karcerarja effettiva ma kenitx idonja fic-cirkostanzi.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata ikkonfermata fl-intier taghha.

(ft) Edwina Grima
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur